# Mitt Sena mill-Ġrajjiet tas-Sette Giugno 1919 'il hawn

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Meta jkun wasal sabiex jidher dan l-artiklu nittama li pajjiżna jkun qiegħed iħabbar fuq livell nazzjonali programm ta' attivitajiet sabiex jagħti ġieħ u jfakkar illi dak kollu li dan il-poplu kiseb sa ma wasal fejn wasal, ta' qablu b'xi mod kull darba kellhom iħallsu prezz u jgħaddu minn xorta ta' mrar il-ħajja, bħalma kienet għaddiet ukoll dik il-ġenerazzjoni ta' Maltin mitt sena ilu.

Mit-titlu wieħed jinduna li l-istorja ser terġa' toħodna lura fiż-żmien il-ġrajjiet tas-Sette Giugno tal-1919. Għalkemm din il-ġrajja wieħed jista' joħodha bħala ġrajja oħra minn ġrajjiet il-poplu, fil-prinċipju nemmen li din kienet l-ewwel azzjoni politika pura ta' pajjiżna; fejn il-poplu nnifsu, b'mod spontanju u mingħajr ma kellu l-għajnuna jew l-influwenza tal-klassi l-għolja, iżda fuq ir-rieda tiegħu nnifsu, qam biex joħodha kontra min kien qed jaħkmu u jbiddel il-mod tal-għejxien tiegħu. Naraw kif din il-klassi kienet ħafja, injoranta u ttrattata ħażin, waqt li xi wħud jaħdmu, għax hekk kien jaqbel, sabiex il-baxx jibqa' f'dik il-kultura li jikkonsla bix-xenxilli sagri jew ikkontrollat ukoll bit-twerwir ġej minn superstizzjonijiet u elementi oħra, li jrażżnuh u jaljenawh minn ċertu xewqat li seta' jkollu.

Min-naħa l-oħra l-klassi tas-soċjetà l-għolja ta' dak iż-żmien kienet tikkonsisti mill-avukati, in-nutara, ittobba, il-qassisin u professjonisti oħra li magħhom kienu jingħaqdu wkoll l-għaqdiet tan-nobbli u n-negozzjanti. Ilkoll kienu jiffurmaw il-klassi tal-intellettwali ta' pajjiżna f'dawk iż-żminijiet: imgħallma l-iskola, mitmugħa u mlibbsa tajjeb, armati bil-kotba, bil-gazzetti u biċ-ċirkoli.

L-istess klassi li kienet twarrab lill-ħaddiem tal-id minn kull attività ċivili, tifirdu minn kull kuntatt li jwessa' l-moħħ għall-għerf. L-għerf li jżidlu l-interess fil-ħajja u jgħinu jgħix aħjar; qalbu timtela bittama, waqt li tinfetaħ għal sentimenti nobbli, sabiex imbagħad verament jissaħħaħ ukoll fir-ruħ.

**X'wassal għall-irvellijiet tas-Sette Giugno** - Jogħla sewwa l-prezz tal-ħobż, jiżdiedu ttaxxi u jingħataw is-sensji. Ma kien hemm l-ebda dubju li l-kwistjoni tat-taxxi diretti imposti mill-Gvern Ingliż kontra x-xewqa tal-Maltin, kienet waħda mill-kawżi ewlenin li wasslu għal dawn l-irvellijiet.

**Is-sehem tal-Gazzetti** - Ma setax jonqos li bl-artikli xewwiexa u oħrajn taħt forma ta' poeżija fil-gazzetti kellhom sehem qawwi fir-rewwixta tal-Maltin. Silta minn artiklu fil-gazzetta Il-Ħmar tal-5 ta' April 1919, taħt it-titlu 'Poplu tmattar' – "*min qed joqtlok bil-ġuħ, ġej jixroblok demmek, u ħwejġek jaħtaf li għaraqt għalijhom? – min huma dawk il-klieb li ħniena għal hemmek, għal agunitek, ma jħossux ġo fihom? – ara minn qed jifgak bil-ħsieb li jtemmek. Hekk b'ħiltek kollha u dak li ħaqqhom tihom. Il-qirda li tinħtieġ, tal-qalil semmek, laqqam ġo demmhom u min int urihom – Is-sofri kemm se ddum, b'idejk misluba?! – kemm bi ħsiebek ħartiet taqla' jewwilla?! – kemm ġifa ser iddum, bla tqum fuq tiegħek?!!! – qerriedi jew meqrud, xortik miktuba, aħsad, bla ħniena, irjus il-klieb bħas-silla! stenbaħ ja poplu qum! Alla jkun miegħek!*"

Gazzetti oħra li kienu joħorġu qabel is-7 ta' Ġunju kienu l-Malta Herald, Il-Malta, Il-Malta Għada Tagħna, Il-Ħabib, Il-Lupu, La Lynx, u xi oħrajn. Iżda l-aktar waħda importanti kienet Il-Ħmar li skont Guliermu



2 IL ĦMAR 5 ta April 1919

# POPLU TMATTAR!!!

## SUNETT.

*Min k'eħ joktloc bil giuħ, k'eħ jixrob demmec,*
*U ħuejgec jaħtaf li gharakt ghaliħom?*
*Min huma dauc il clieb li ħniena ghal ħemmec,*
*Ghal agunitec, ma iħossux gio fiħom?*

*Ghal min kigheħ jifgag, bil ħsieb li itemmec,*
*Hebb b'ħiltec collha u dac li ħakkhom tighom!....*
*Il kirda, li TINHTIEĠ, tal kalil semmec,*
*Lakkam gio demmhom u min int urihom....*

*Issofri chemm se'iddum, b'idejc misluba?!*
*Chemm bi ħsiebec ħartiet takià, jeuilla?!!*
*Chemm gifa s'er iddum, bla tkùm fuk tighec?!!!*

*Kerriedi jeu mekrud, xortic mictuba!*
*Aħsad, bla ħniena, rjus il clieb b'ħas-silla!*
*Stembaħ, ja Poplu, kum! Alla ioun mighec!*

ĦMAR TAL 1798.

## ABBUS.

*Sur Ħmar,*

*Ippermettili nghamel domanda per mezz tal giurnal tighec lill li Scout Master tal Boy Scouts, Sliema Troop.*

*Scout master, inti taf li lil li Scouts li ghandec taħt id-direzioni tighec f'uakt iċ-cerimonia tat-tkegħid ta l'euuel gebla tal Isptar il ġdid kassmulhom carti bl'orazioniet li il Ministri Protestanti chienu keghdin*

# Mnein hu gej il guai.

*Il ħobs ta Malta ghal Maltin!*

F'laħħar numru tal "Ħmar" deher articulu li is-sorprenda u id-disgusta lil patriotti colla— lill cull min ghandu demm verament Malti. Mhux ghaliex xi affarijet li li scrittur ta dac l'articulu kal sa certu pont, ma humiex veri, izda ghaliex min ħabba ftit ma ghandomx jeħlu il Maltin colla.

Nibda biex inghid li l'Scrittur, li iffirma ruħu "Sargu" jeu chiteb taħt access ta rabia ghal xi ingiustizii li osserva u li fir-rabia ma rax ciar u ma gharafx isib min hu il veru responsabli, jeu rakad bl'stoncu ftit imghobbi u ħolom li hu *Sargu* mentri ma huiex ħlief *beccun*!

'Sargu' kal li il ħtija tal guai *collu* ta Malta huma il capijet Maltin: verament li f'aħħar ta l'articolu ghamel xi eccezzioni, però fuk collox id-dakka ta ħarta l'in-nazion Maltija ħija hemm, u in-Nazion dakka ta ħarta phal din ma taccettajex, ghax ma tixirkiliex, u ghaliex il guai gej min band'oħra, min ghand min jixħed il gebla u jaħbi idu.

Ghall liema raguni isibom responsabbli il capijet Maltin 'Sargu'? Ghaliex illigijet ħorox li ghaddeu f'daun il ħames snin tal guerra, mita irregnat il-ligi marziali, voldiri mita collox sar taħt id-direzion ta l'autorità militari, saru mil Maltin? Jeu ghaliex il Maltin isibom mimlijin bill *boria*, u ghandom diportament ħazin?

Jecc il capijet Maltin jiccunsidraħom ħatjin u responsabbli tal-ligijet li saru chemm ilha il-ligi marziali jisbalia; ghaliex il-ligi marziali ma hix diretta mill maltin izda mil militari li ma humiex

illigi tal nirt ma chienitx tghaddi? Caramba! Chienet tghaddi l'istess-bid-differenza li min floc il Malti Refalo, propriatariu u mieles, li accetta quasi min ghair ebda difficoltà, l'emendi colla tal Camra ta l'Avucati, chien forsi icolna ieħor li jeħodna bill gherra u il ħruxija, phall ma chienu jghamlu Strickland u Merewether li jirrespingi qualunque emenda ghal ligi, specialment li phala frustier, ma tolktux ghax ma icollux proprietà f'Malta.

Issa x'ħadna billi ghanna Direttur ta l'Ischeijel Primarii Inglis? Floc salariu ta £200 fissena il caxxa ta Malta keghda tħallas £400— u id-differenza titħallas mit-taxxi li ziedulna—u dac il ctieb famus u *assassin* li ifaccar lil Luteru phala martri tal verità, tkassam l'istess l's-surmastrijet ta l'scheijel tal Gvern! Issa, jeu id-Direttur kassmu min raiħ, u allura phala Cattolicu uera li mhux capaci ghal dac il post ghalavolja *Inglis* u imħallas doppiu li chienu iħalsu li chiecu flocu ghamlu lil uiħed *Malti*, jeu daħlu ghaliex ordnaulu, u allura ciar li collu ħrafa li icolna capijet Inglisi. (2). ĦMAR MALTI

(1.) Allura it-taxxi l'oħra li jolktu lil fkir biss, chienu igibuħom?

(2.) Digià ghedna li ma nakblux ma *Sargu* riguard il capijet inglisi, imma lil *Ħmar Malti* u lil R.B. tal *Malta* inghejdulhom li b'dac li kalu u b'cull ma jistghu jghejdu ma jippruvau katt li bosta mill capijit maltin m'humiex servili, minfuha biħom infishom, interessati u li ma jaghmlux *favoritismu* u *nipatismu*.

Arena, l-editur tagħha, kienet tinbiegħ l-aktar; kważi mat-3000 kopja fil-ġimgħa. Dan il-ġurnal kien tassew xewka u kellu influwenza kbira fuq il-poplu, kien favur il-ħaddiem u kontra l-lagħqa u l-bażużli ta' dawk iż-żminijiet. Fl-artikli tiegħu wieħed kien iħoss jidwi l-ideat u l-kitbiet ta' Manwel Dimech. Minn dawn is-siltiet wieħed jifhem kemm kienu qawwija l-artikli f'dan il-ġurnal. Silta oħra minn Il-Ħmar b'xebh għal-lirika ta' Dimech hija din "*Issa huwa l-mument O poplu li aħna nqumu u ma nibqgħux iżjed rotob u ġwejda, inkunu iebsa u feroċi, inriegħdu lil kull min biss iħares lejna; aħna qegħdin f'darna għalhekk bid-dritt kollu, aħna irridu nkunu liberi u sakemm ser nibqgħu hekk, nuru dejjem li m'aħniex kuntenti...*"

Dimech innifsu madwar tmien snin qabel din il-ġrajja, fil-Bandiera tal-Maltin, tad-29 ta' Lulju 1911, kien kiteb hekk taħt ittitlu '*Kum poplu kum*' – "*kum poplu, kum min-ngħas tiegħek u flok li jbeżżgħuk beżża' int, flok li jwaħħxuk, waħħax int, flok li jregħduk, riegħed int...*"

**Kif aġixxiet l-awtorità** - L-Aġent Kummissarju tal-Pulizija James Frendo Azzopardi bgħatt kopja ta' ħafna minn dawk l-artikli lit-Tenent Gvernatur Robertson biex jittieħdu l-passi. Iżda minkejja dan, l-uffiċjali ma fehmux sew il-qagħda tal-poplu u x'kien qed iberren. Is-Segretarju Bonavia sejjaħ l-artikli *The ordinary vapourings* u Robertson qal li aħjar ma jittiħdux passi kontrihom, għax aktar isiru popolari. Miegħu qabel l-Avukat tal-Kuruna Dott. Mikiel Ang Refalo. Dak iż-żmien Refalo kien il-persuna li kellu diversi rwoli governattivi. Fosthom kien il-Prosekutur, Konsulent tal-Gvern u lleġiżlar dwar taxxi ġodda li kienu qed isiru, fosthom ukoll it-taxxa tas-suċċessjoni. L-aħħar kelma sintendi kienet tal-Gvernatur billi qal *let sleeping dogs lie*. Din id-darba l-poplu ma baqax iżjed ġwejjed bħalma kienu jaħsbu huma dwaru. Issa kien deċiż li xi ħaġa kellha ssir u għalhekk għall-għajta ħerqana tal-gazzetti '**Ejjew tonqsux**' il-poplu qam u medd riġlejh lejn il-Belt u hekk kif nafu fis-sebgħa u t-tmienja ta' Ġunju kien miġbur bi ħġaru waqt is-siegħa tal-prova.


Surveillance Cameras
Multimedia Projectors
Document Scanners
Digital Cameras
avantech
Canon
Video Cameras
Home Printers
Office Printers
Large Format Printers
Avantech Building, St. Julian's Road, San Gwann
T: 21 488 800 | E: info@avantech.com.mt
www.avantech.com.mt | CanonMalta.com


CITADEL CINEMA
Victoria - Gozo
BOOK ONLINE AT CITADELCINEMA.COM
OR CALL 2155 9955
Sony Digital Cinema™
4K
Adults €6.00
Children (up to 11 yrs) €4.00
Senior Citizens (Mon-Thu) €5.00


Great Vacation Deals
INCLUSIVE OF FLIGHTS, ACCOMMODATION, TRANSFERS & TAXES
Whether you're looking for a romantic escape for two, a fun getaway with friends, or a memorable trip with the family, these destinations could be the answer for your summer escape!
KASSANDRA
GREECE
7 NIGHTS
from
€399
KYRENIA
NORTH CYPRUS
7 NIGHTS
from
€479
BREAKFAST INCLUDED
Genuinely Mediterranean
smsmondial
Tel: 2277 6000
Valletta | Birkirkara | Paola | Sliema | Hamrun | Gozo
www.smsmondial.com.mt
Insolvency Fund 2019 PROTECTED

Ta' min jinnota wkoll jekk kinitx kumbinazzjoni, illi l-Kummissarju Claude Woodruff Duncan, ftit taż-żmien qabel l-irvellijiet intbagħat bħala Spettur Ġenerali fin-Niġerja u floku kienu ħallew lid-Deputat Kummissarju James Frendo Azzopardi biex imexxi lill-Korp.



## Manwel Dimech u l-irvell tal-Maltin

Manwel Dimech kif illum nafu sewwa kien b'ħidmitu u kitbietu d-difensur tal-fqar u l-imgħakksin. Hu li kien jaf sewwa x'jiġifieri ġuħ, faqar u moħqrija qatt ma ntrefa' minn ħutu l-ħaddiema u l-baxxi, dejjem fittex kif seta' biex jerfagħhom mill-miżerja.

Il-faqar ma kienx jistkerrhu, għalih kien mezz biex il-bniedem jagħraf aħjar u jħaddan il-ġustizzja. Kristu nnifsu għażel li jitwieled fil-faqar u dan biex juri sewwa lill-bniedem x'jiġifieri l-umiltà. Dan kollu juri li l-imsejken ħaddiem u l-baxx ma kellu qatt ikun imwarrab, mistkerrah jew imċaħħad minn drittijietu. Id-dritt tax-xogħol kien sagrosant u l-ebda xogħol ma kellu jiġi ttimbrat bħala wieħed tal-baxxi jew b'xi mod jiġi umiljat. Dawn huma prinċipji nsara li saħansitra tkellmu dwarhom f'enċikliċi l-Papiet.

Hu, tista' tgħid, l-ewwel Malti li xegħel fjamma sabiex iqawwi qalb il-klassi l-baxxa, lill-ħaddiem li kien iħobb aktar minn uliedu. Minkejja kollox, qatt ma nistgħu ngħidu li ħidmitu bħala luminatur fost il-ħaddiema kienet waħda ward u żahar. Insemmi fatt li kien seħħ nhar il-Ħadd, 21 ta' Jannar tal-1912, f'Ħal Qormi, meta kien mar f'waħda mill-pjazez ta' biswit il-knisja biex jitkellem mal-poplu u kien għoddu spiċċa ħażin. Jingħad illi waqt li n-nies kienet bdiet tinġabar biex tisma', minn taħt kienu qed jintgħaġnu u jinħmew manuvri sabiex jisfrattawlu dik il-laqgħa. F'mument minnhom waqt id-diskors tiegħu, f'kuntest, b'vuċi għolja beda jgħajjat **'Viva dejjem, għaliex aħna bhejjem'**, probabbilment kien qed jaċċenna sabiex ma jibqgħux tant aljenati fuq ċertu ħwejjeġ, li bil-ftit jew bix-xejn ma setgħu qatt itejbulhom il-qagħda tagħhom għajr li jkomplu jaljenawhom minn dak li seta' ma jkunx favurihom. Huma fl-istess ħin ma kkunsidrawx li hu kien qed ikun metaforiku. Għalihom setgħu fehmu li kien qed iqabbilhom b'xi mod mal-bhejjem li huma kellhom ġewwa l-imqajel, fil-mandri u l-irziezet. Minn hawn naraw ukoll kemm kien batut il-livell intellettwali tagħhom.




Mhux ta' b'xejn dakinhar il-qassisin f'Ħal Qormi sabuha hekk faċli li jxewxu n-nies biex iħaġġruh. Kellu jgħaddi ż-żmien biex il-poplu ntebaħ min tassew riedlu l-veru ġid. Kellu jkun biss madwar seba' snin wara minn din il-ġrajja li jaf xi wħud minn dawk li ħabtu għalih, issa setgħu kienu wkoll parteċipi fil-protesti tas-Sette Giugno, jiġġieldu għall-istess ideal li kien ipprova jkellimhom dwaru dakinhar Dimech. Ideal li tista' tkun ħieles, tmexxi lilek innifsek, toktor fil-ġid u l-hena. Ħelsien ukoll fil-ħsieb u mhux aktar jibqa' jaħseb għalik ħaddieħor. Ħelsien fl-għerf u t-tagħlim, li fl-aħħar mill-aħħar jagħtik id-dinjità.


carini
Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202 | 21449641
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com


ecosoft
water professionals
Home Reverse Osmosis
A&A Mizzi Limited
www.aamizzi.com | info@aamizzi.com
21488132/60/68


Quality Brands At Amazing Prices
Airwell
ELECTRA
FUJIAIR
New Model
Celebrating 70 years Airwell
1947 - 2017
of air conditioning since 1947
R32
5 Years warranty
WIFI Ready
DUCT
CASSETTE
FLOOR/CEILING
PORTABLE
FLOOR STANDING SDM
New
OFFERING ALL TYPES OF SPLIT & VRF AIR CONDITIOING SYSTEMS:
WALL MOUNTED, DUCTED, CASSETTE, FLOOR/CEILING & PORTABLE
Airwell
DUCTED DLF MODEL
...CONCEAL IT & STAY COOL!
• Super silent
• Invisible solution
• iFeel
• Vertical & Horizontal Installation
Extra Slim only 200mm
EUROVENT CERTIFIED PERFORMANCE
arjakon
since 1966
CALL
2122 2122
ADDRESS
TESTAFERRATA STREET, TA' XBIEX
VISIT
WWW.ARJAKON.COM
EMAIL
SALES@ARJAKON.COM
Find us on ARJAKON

Mhux aktar strument jew oġġett f'idejn min żgur l-interessi tiegħu mhumiex dawk tal-poplu ġwejjed jew aħjar tal-popolin, kif kienu bdew isejħulu. Araw ukoll l-ironija tal-ħajja f'din l-istorja, l-istess poplu li kien ġie mxewwex kontra Dimech u saħansitra mar biex iħħaġġru, kellu jkun hu, li bis-sehem determinat tagħhom meta daħlu l-Belt biex jipprotestaw, kien f'dak il-mument li l-borma faret. Dan jista' jingħad għar-raġuni hekk kif ingħad fix-xhieda tal-inkjesta maħtura wara l-irvellijiet. Dawn huma kummenti qosra mix-xhieda kkollaborata tas-Supretendent Ramiro Barbaro Sant u l-Ispetturi Lopez, Lisano u Inglott:

*"il-Folla kienet kbira wisq, aħna konna ftit wisq… l-agħar nies fl-irvellijiet kienu n-nies ta' Ħal Qormi... kienu tawni parir sabiex ma mmorrux fejn kienu bdew jinġemgħu huma…dawn kienu qegħdin jheddu lil kulħadd..."*



L-Ispettur Lopez waħdu xehed ukoll li "*nhar s-Sibt 7 ta' Ġunju kont ġejt mibgħut imur Strada Forni fejn kienet attakkata ddar ta' sid l-imtieħen Saint George's Flour Mills. Ħadt miegħi tletin pulizija, iżda x'ħin wasalna, il-folla ġiet għalina jgħajjtu 'morru lura, inkella noqtlukom' u xeħtulna xi kotba. In-nies tiegħi tilfu l-kuraġġ u qaluli ma nistgħu nagħmlu xejn...m'għandniex armi. In-nies tiegħi kellhom jirtiraw...*"

## Dimech emmen fil-Maltin u l-futur tagħhom



Dimech kien jemmen li l-Maltin jistgħu jmexxu lil pajjiżhom. Hu emmen fl-Indipendenza ta' Malta u fl-awtonomija tagħha, li tkun ragħajha f'idejha u ħielsa minn kull ħakma barranija. Meta ħadd ma kien jemmen ħlief fl-Imperjaliżmu u l-Kolonjaliżmu, hu emmen fir-Repubblikaniżmu, fl-ugwaljanza u fil-libertà tal-bniedem. Meta kulħadd kien jiġġustifika l-faqar u jqisu bħala rieda t'Alla, hu b'sogru ġġieled il-faqar u ried li jerfa' liż-żgħir mill-miżerja, iġibu 'l quddiem waqt li jemanċipah. Dimech kien Nazzjonalista li emmen verament fil-potenzjal li għandu pajjiżna u Soċjalista għax emmen fil-kapaċitajiet u l-ħila tal-ħaddiem. L-ideal tiegħu kien ċar li jara lil pajjiżna jqum fuq saqajh, li jkun hawn pjan edukattiv prattiku u konkret sabiex jiftaħ moħħ il-bniedem u jgħinu jibqa' miexi 'l quddiem.

Sakemm il-Gvern Ingliż seta' jieħu bil-kwiet dak kollu li kellu bżonn minn dawn il-gżejjer, kien jiġi jaqa' u jqum kemm kien ikun tratta ħażin lill-ħaddiema Maltin. Anzi mexa id f'id u kkonfoffa mal-klassi privileġġata Maltija biex iżomm lill-ħaddiema kwieti. Għalhekk kienu l-Gvernatur u l-Isqof flimkien li eżiljaw lil Dimech għal ġol-Eġittu. Kienu ħallewh jitmermer sa ma wasal biex miet, avolja kien marid u beda jitlobhom bil-ħniena qisu tifel sabiex iħalluh jerġa' lura Malta. M'hemmx dubju li dan kien wieħed mill-aktar aġir krudili mniżżel fl-istorja tagħna. Krudeltà bla bżonn, li tbaxxi lill-istess bniedem li jippretendi l-monopolju fil-quċċata tas-soċjetà, iżda biex imbagħad fl-aħħar mill-aħħar titfgħu ġod-dlamijiet l-aktar baxxi u moqżieża tal-ħolqien.

F'ċertu stanzi l-Gvernatur Herbert Plumer kien qed iwaħħal fil-knisja lokali billi kien jistqarr li kien qed ikollu pressjoni minnha sabiex ma jagħtix permess li jinġieb lura. Iżda dan wara rriżultat, li kienet biss skuża min-naħa tiegħu li baqa' sal-aħħar jimponilu. Jingħad li anke Churchill kien insista mal-Gvernatur sabiex ma jibqax jirreżisti r-ritorn ta' Dimech lejn art twelidu. Plumer aktarx kien qed jibża' li b'Dimech mas-saqajn seta' kien ser jaqlagħlu l-inkwiet, u propju fi żmien delikat ħafna, meta kienet qiegħda titħejja l-kostituzzjoni l-ġdida tal-1921, li eventwalment fl-1 ta' Novembru tal-istess sena nfetaħ uffiċjalment l-ewwel Parlament Malti mill-Prinċep Dwardu ta' Wales, għan-nom ta' missieru r-Re George V, liema kostituzzjoni ngħatat l-isem ta' Amery – Milner. Forsi li ma kienx jaf il-Gvernatur huwa li Dimech tant kien marid u dgħajjef fiżikament, li sa kellu nofs ġismu pparalizzat. Dwar il-post tal-mewt u d-difna ta' Dimech jista' jkun li għad hemm dubju jekk hux verament miet u ndifen l-Eġittu kif oriġinarjament tħabbar. Hemm suspetti li Dimech seta' nġib Malta bil-moħbi u miet ftit wara u dan baqa' taħt segretezza. B'dawn id-dubji u misteri; fejn tassew intemm? fejn miet? fejn indifen? Dan il-bniedem kbir patrijott ser jibqa' għal dejjem umiljat anke minn dan il-lat. Forsi l-Ingliżi riedu jagħtu wkoll l-aħħar rebħa fuqu. Jista' jkun ukoll li l-Ingliżi beżgħu li kien ser jibqa' jħabbathom anke wara mewtu minħabba li seta' jitfaċċa xi forma ta' kult dwaru.

Ngħidu aħna kult Dimekjan, li jsir moviment u jkompli jmexxi u jippromwovi l-ideal u t-tagħlim tiegħu.

## Suċċessuri bl-istess ideal

Imbagħad kif reġa' għadda ftit taż-żmien, iżda eżatt fil-ħin, id-destin reġa' ħaseb f'dan il-poplu u bagħatlu mexxej li kkonsolida dak kollu li ta' qablu, b'rieda tajba, kienu ilhom jaħsbu, jiktbu u jippreparaw għalih. Duminku Mintoff, il-personaġġ suċċessur għal din il-ġrajja, mill-klassi tal-Ħaddiema. Il-mexxej li art twelidu kienet tinħtieġ fil-mument, sabiex iwettaq dak li kien ilu jinkiteb u jintalab għall-ġid tal-Maltin.

Hu kellu viżjoni, minkejja li quddiemu kellu biss pajjiż u poplu mfarrak. Poplu b'moral mill-aktar baxx, li kien għadu kif għadda mill-eħrex tbatijiet tal-gwerra.

Hu beda biex libbes u tema' lill-ifqar fost il-fqar, tagħhom kenn u refagħhom mill-miżerja li kienet għodda fniethom. Taħ il-wens, l-edukazzjoni u d-dinjità u baqa' jiddefendih billi ħoloqlu stat ibbażat fuq prinċipji ta' Ġustizzja Soċjali u mekkaniżmu sabiex jiġġenera aktar il-ġid komuni. Jinħoloq aktar xogħol li jġib il-progress u l-ħidma għall-ħajja b'futur fis-sliem. Reġa' bena soċjetà u ħolqilha stat b'servizzi soċjali li baqgħu jiġu wkoll żviluppati u mtejba minn ta' warajh waqt li kines il-preġudizzji li kien hawn kontra dawk tal-klassi l-baxxa, ta' bla skola, it-tallaba u tant oħrajn imwarrba u mistkerrha. Dawn mhuma xejn għajr il-fatti li esprimew il-ġenerazzjoni li minnha ħriġt u li minnhom laħqet xi ftit ukoll il-ġenerazzjoni tiegħi.




L-istorja jekk għal ħafna forsi titqies li hija xi ħaġa li tinqara bħal kwalunkwe letteratura u mir-rakkonti tagħha ssir taf ċertu ġrajjiet, l-istorja hija wkoll il-kultura tal-poplu, mezz jew servizz ta' tagħlim kif nevitaw milli nirrepetu ċertu żbalji passati, kif ukoll fost ħafna b'rabta ma' din l-istorja, kif ma nibqgħux neżiljaw aktar nies validi li jkunu qed jagħmlu l-veru ġid lis-soċjetà. Dawn mhux neċċessarjament jiġu eżiljati bħalma letteralment kien ġie eżiljat Manuel Dimech ma' oħrajn fl-istorja, ħafna drabi jkun sforz awtorità żbaljata jew setgħa awtoritarjana li jew għax verament ma fehmitx, jew għax ma kienx jaqbel li tifhem u taqra s-sinjal għaż-żmien fl-istorja.

Min-naħa l-oħra sal-lum għadna qed nikkommemoraw lil dawn l-eroj. Iżda ebda tifkira, kbira kemm hi kbira jew monument, mhu ser jagħti ġieħ u glorja jekk f'qalbna u f'moħħna nbarru litteralment għar-regħba ċertu valuri, prinċipji u ideal minn tagħhom.

joseph.q.borg@gov.mt